MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Talba Numru. 1056/2006

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Hamdan Ahmed**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta` Novembru, 2006 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` tmien mija, tnejn u sittin lira, sebgha u tlettin centezmu (Lm862.37) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` s-servizz tat-telefon bin-numru 21464523 u 21388688 skond ma` kif jirrizulta mid-dokument annessi ma` l-istess talba u mmarkati bhala Dok A, Dok B, Dok C u Dok D.

It-Tribunal sema` lil Dr. Ingrid Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat illi l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

It-Tribunal innota wkoll illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghal istess talba.

Jigi rilevat ukoll illi l-konvenut ghalkemm imsejjah tlett darbiet baqa` ma deherx anqas ghas-seduta ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta` tmien mija u tnejn u sittin lira u sebgha u tlettin centezmu (Lm862.37) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------